# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Illum 20 ta' Diċembru 2022**

**Appell numru 208/2022**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Ishmael CACHIA**

**Il-Qorti rat is-segwenti :**

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-20 ta' April 2022 fil-konfront ta' Ishmael CACHIA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 25990M) li ġie mixli talli:

    (i) Fil-21 ta' Novembru 2020 għall-ħabta tal-19.15 hrs u fi ġranet u l-ħinijiet ta' qabel waqt li kien qiegħed ġewwa l-Qrendi u fil-Gżejjer Maltin, ħa jew pprova jieħu xi għasafar matul l-istaġun magħluq għall-insib tal-għasafar u dan bi ksur tar-Reg. 18(1)(ċ) tal-L.S. 549.42;

    (ii) Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qed jikkaċja jew jipprova jikkaċja, jieħu jew jipprova jieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, meta ma kienx fil-pussess ta' liċenzja valida skont ma tapplika maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kolha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra, dan bi ksur tal-L.S. 549.42, Reg. 12(1);

(iii) Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaċja jew ipprova jikkaċja, jieħu jew jipprova jieħu xi għasfur billi uża jew kellu fil-pussess tiegħu waqt attivitita' ta' kaċċa jew insib xi gass jew apparat elettriku jew elettroniku speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar u dan bi ksur tar-Reg. 7(1)(d), L.S. 549.42;

(iv) Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaċja kellu fil-pussess tiegħu bird caller u dan bi ksur tar-Reg. 7(2), L.S. 549.42.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), wara li rat ir-regolamenti 18(1)(ċ), 12(1), 7(1)(d) u 7(2) tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006 (hekk kif sussegwentement emendat), Liġi Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni filwaqt li sabet lill-istess imputat ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement ikkundannatu għall-ħlas ta' multa' ta' elf u tminn mitt euro (€1,800) li b'applikazzjoni tal-arikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali li tista' titħallas b'rati mensili konsekuttivi ta' Ewro 200 fix-xahar. In oltre, fit-termini tar-regolament numru 27 tal-Avviż Legali 79 tas-sena 2006, il-Qorti ordnat ukoll is-sospensjoni ta' kull liċenzja jew permess relevanti maħruġ taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet ta-Pulizija għall-perjodu ta' sentejn mid-data ta' din is-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi Ishmael CACHIA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex joġgħobha tirriforma s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonferma il-liberatorja fuq l-ewwel imputazzjoni, tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza rigward il-ħtija misjuba u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull ħtija u subordinatament tinfliġġi piena aktar miti u idonea fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif sottomess u dan wara li stqarr is-segwenti (in suċċint):

(i) Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa li hu di fatti kien qiegħed hemmhekk għal kaċċa u mhux għall-insib. Il-Pulizija deherilhom li huwa biżżejjed sabiex jinkwadra r-reat il-fatt li l-appellant instab dejn dura fejn faċċata kien hemm mansab mifrux. In effetti, il-Pulizija

jsemmu li l-imputat insista magħhom li l-imnasab ma kinux tiegħu iżda li kienu ta' missieru Saviour. In kwantu għal bird callers wieħed ma kienx ta' l-appellant u l-ieħor għalkemm kien fil-post ma kienx qiegħed jintuża mill-appellant.

(ii) Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tieni aggravju huwa li għalkemm jgħidu t-tlett pulizija li f'dan il-każ tawh id-dritt tal-avukat, minn imkien ma jirriżulta li l-appellant ingħata d-dritt kostituzzjonali tas-silenzju u għaldaqstant dak kollu allegatament ammess mal-Pulizija mhux ammissibbli bħala prova;

(iii) Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tielet aggravju huwa li t-tielet u r-raba' akkuża huma l-istess reati fejn filwaqt li t-tielet akkuża hija attentat ta' kaċċa jew insib u użu ta' bird caller, fir-raba' akkuża hija l-pussess ta' bird caller waqt attivita' ta' kaċċa u insib li effettivament huma l-istess u ma tistax tinstab ħtija fuq attentat ta' kommissjoni ta' reat fl-istess ħin u fl-istess att għax jew ikun hemm l-attentat jew hemm kompletezza tal-att. Għalhekk semmai għandu jkun hemm ħtija fuq reat wieħed jew l-attentat u l-pussess jew il-pussess waqt il-kompletezza tar-reat;

(iv) Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, il-piena inflitta hija meqjusa li hija relatata ma' allegati reati li saru aktar minn sentejn ilu, hija waħda li tmur kontra il-prinċipju ta' korrezzjoni u aktar u aktar meta għandu fedina penali kważi netta.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-

tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

10. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

11. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

12. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

13. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliża fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiża fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

14. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

15. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk:

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

16. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

17. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju <u>**tas-sikurezza**</u>. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal <u>**b'sikurezza**</u> għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B’hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta’ sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

18. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa’ jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b’attenzjoni, b’diliġenza u b’mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa’ jippersisti dan id-dubju, jkun jista’ jingħad li dak il-livell ta’ sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista’ tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

19. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista’ tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

20. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f’idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma’ lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta’ analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f’idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

21. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f’idejn il-Qorti tal-

Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

22. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. II- IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

23. Illi nhar il-21 ta' Novembru 2020, waqt ronda li kienet qiegħda ssir mill-Pulizija b'rabta ma' kaċċa u insib illegali fl-inħawi tal-Qrendi, il-Pulizija semgħet ħsejjes ta' 'bird caller' tal-pluvieri u setgħu jinnutaw kif l-għelieqi tal-inħawi kien hemm 'bird caller' attivat. Hekk kif il-Pulizija resqu iktar qrib tal-post minn fejn kien jinstema' li kien ġej il-ħoss, huma raw żewġ persuni maskili qrib dura. Il-Pulizija

setgħu jinnutaw ukoll kif mal-art kien hemm żewġt imnasab armati bi xbieki li kellhom il-ġbid għal ġo dik id-dura li kien hemm fil-viċin fejn kienu intlemħu dawk iż-żewġ persuni. Wieħed minn dawn il-persuni maskili li kien ġewwa d-dura, kif lemaħ lill-Pulizija, ġie innutat jitfi l-'bird caller'.

24. Illi minħabba suspett raġonevoli li kien twettaq reat, il-Pulizija taw is-"solitu twissija" lil dik il-persuna maskili li ġiet identifikata bħala l-appellant Ismael CACHIA u ingħata wkoll id-dritt li jkollu assistenza legali qabel ma jirrilaxxja dikjarazzjonijiet mal-Pulizija permezz ta' karta li ġiet mgħoddija lilu dak il-ħin. L-appellant CACHIA irrifjuta l-assistenza legali[9] u għamel xi stqarrijiet mal-Pulizija dak il-ħin. Il-Pulizija talbuh ukoll jekk huwa kienx fil-pussess ta' liċenzja speċjali sabiex jonsob għall-pluvieri.

25. Meta mbagħad il-Pulizija komplew bit-tfittxijiet tagħhom sabu iktar oġġetti relatati mal-insib u ċjoe' bird caller attivat li kien amplifier tal-għamla Kinter ta' lewn aħmar li miegħu ukoll kellu konnessa SD Card 4G tal-għamla Lexer ta' lewn sewda; bird caller ieħor ta' l-ebda marka, tlett 'speakers' ta' lewn isfed u 'speaker' ieħor ta' lewn aħdar u dawn ġew hekk elevati. Il-Pulizija ħarġu d-debita riċevuta tal-apparat elevat[10] u nfurmaw lil CACHIA u lil persuna maskili l-oħra li kienet hemmhekk miegħu li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi relativi fil-konfront tagħhom b'rabta ma' dan l-inċident.

**Ikkunsidrat**

**It-tieni aggravju dwar l-ammissibilita' tad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-appellant lill-Pulizija.**

26. Ikun opportun li l-ewwel jiġi mistħarreġ dan l-aggravju u dan minħabba d-dikjarazzjonijiet li l-appellant CACHIA għamel mal-Pulizija fuq il-post u li għandhom piż importanti fuq il-mertu tal-każ. Minn fol. 11 tal-atti proċesswali jirriżulta li dakinhar tal-21 ta' Novembru 2020 għal ħin tal-19.15hrs wieħed mill-Pulizija preżenti fuq is-sit, ta lill-appellant CACHIA karta li fiha kien hemm dikjarazzjoni speċifika. L-appellant iffirma din id-dikjarazzjoni li tgħid li apparti li ġie mitkellem mill-Pulizija in konnessjoni ma' reat ta' "nsib

[9] Ara d-dikjarazzjoni a fol 11.
[10] Ara l-irċevuta a fol 10.

illegali u reati ohra li jisthu johorgu matul il-kors ta' din l-investigazzjoni" huwa ġie infurmat minn PC572 li kellu:

> il-jedd, jekk hekk nitlob, li qabel ma issirli xi interrogazzjoni nithalla kemm jista jkun malajr privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew il-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha...

27. L-appellant iddikjara kif kien qiegħed **jirrinunzja** milli jeżerċita dawn id-drittijiet.[11] Għalkemm din id-dikjarazzjoni kienet mistqarra f'termini pjuttost ġeneriċi u f'ċerti aspetti impreċiżi f'ċerti dettalji, l-istess dikjarazzjoni pero kienet tirrifletti, fil-qosor u fis-sustanza, dak il-minimu li trid il-Liġi.

28. In oltre, mill-affidavits ta' PC 16 E. Zammit kif ukoll PC 572 Antoine D'amato jirriżulta kif lill-appellant CACHIA, il-Pulizija tawh ukoll 'is-solitu twissija'. Din il-frażi saret parti mill-ġergu użat mill-Pulizija li biha jkunu jridu jfissru li jkunu taw lil persuna mitkelma id-dritt tas-silenzju u li ġieli wkoll jiġi mistqarr minnhom bħala d-dritt li dak li jkun ma jgħid xejn, li dak li jgħid ikun jista' jitniżżel bil-miktub u li kwalunkwe ħaġa li jgħid setgħet tintuża bħala prova kontra tiegħu. Il-Pulizija li kienu fuq is-sit qablu li tawh dawn id-drittijiet. **Irid jingħad ukoll li jkun iżjed għaqli li meta l-Pulizija jagħmlu affidavits, ikun iżjed ċari u speċifiċi fir-rigward tat-tifsira li jkunu jridu jagħtu lil frażijiet li jkunu użati minnhom fil-ġergu tagħhom ta' kuljum. Dan jgħin għal iżjed kjarezza fil-ġudizzju u jnaqqas kwalunkwe ombra ta' dubju f'moħħ dak li jkun. Inaqqas ukoll l-inċidenza ta' interpretazzjonijiet differenti għall-istess kunċetti. Huwa importanti li l-Pulizija jistqarru fi kliem sempliċi dak li jkunu jridu jgħidu u jfissru b'mod li kulħadd jifhem dak li jkunu jridu jgħidu. Id-dikors ċar u dritt għall-punt huwa l-akbar arma li l-Pulizija jista' jkollhom fil-ġlieda tagħhom kontra l-kriminalita.**

29. L-iżjed li kien preċiż fis-sekwenza jirriżulta li kien dak li effettivament informa lill-appellant bil-jeddijiet tiegħu, anke kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni a fol 11. Mix-xiehda tiegħu joħroġ ċar li kien biss **wara** li CACHIA kien ingħata 'is-solitu twissija' u d-dritt għall-assistenza legali, li l-Pulizija bdew ikelmuh fir-rigward tas-suspetti tagħhom ta' insib illegali.

30. Din l-evidenza allura tmeri l-argument tal-appellant fejn dan jallega illi huwa ma kienx ġie mogħti d-drittijiet tiegħu skont il-Liġi.

[11] senjatament taħt l-Artikolu 355AUA tal-Kodiċi Kriminali.

F’dan il-każ il-Pulizija ġabu prova soda li, kontra dak allegat mill-appellant, huma kienu tawh id-drittijiet tiegħu qabel beda jitkellem magħhom.

31. Ġaladarba huwa għażel li jitkellem mal-Pulizija, kull dikjarazzjoni li huwa għamel minn jeddu, fin-nuqqas ta’ prova ta’ theddid jew biża’ jew wegħdiet u favuri, trid titqies li hija ammissibbli ai termini tal-Artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali. Din il-Qorti hija ben konxja tal-pronunzjamenti reċenti tal-ogħla Qrati ta’ ġurisdizzjoni kostituzzjonali u kriminali fir-rigward tal-ammissibilita’ ta’ stqarrijiet magħmula mingħajr il-preżenza tal-avukat bħal **Morgan Onourah vs. l-Avukat tal-Istat,**[12] **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Kevin Gatt et,**[13] **Christopher Bartolo vs. L-Avukat tal-Istat**[14] u **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Andrew Mangion.**[15]

32. Id-dritt għall-assistenza legali huwa, kif qed jingħad dritt. Mhux obbligu. Persuna suspettata jew akkużata mhix obbligata li jkollha l-assistenza legali. Naturalment huwa konsiljabbli li tkun assistita legalment, l-iżjed f’dawk il-punti delikati tal-proċessi investigattivi jew prosekutorji li jkunu qegħdin isiru kontra tagħha. Iżda mill-banda l-oħra l-għażla libera u infurmata tal-persuna suspettata jew akkużata għandha wkoll tiġi rispettata. Jekk din, wara li tkun debitament imwissija sew bil-jeddijiet tagħha tagħżel li tirrinunzja għal dawk il-jeddijiet jew għal uħud minnhom, imbagħad trid, bħal kull persuna oħra, iġġorr ir-responsabilita għal dawk id-deċiżjonijiet tagħha.

33. F’dan il-każ, l-appellant ingħata d-dritt għas-silenzju skont is-“solitu twissija”, kif ukoll it-twissija li kellu d-dritt li jkun legalment assistit kemm qabel, kif ukoll waqt, l-interrogazzjoni tiegħu. Kien l-appellant li għażel li jirrinunzja għal dawn il-jeddijiet tiegħu qabel ma huwa għażel li jagħmel stqarrijiet mal-Pulizija. Dik id-deċiżjoni ġġib magħha konsegwenzi. U f’dan il-kuntest dil-Qorti tqis li għandu japplika l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali, iktar tard abbraċċjat mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-kawża **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Martino Aiello**, deċiża nhar is-27 ta’ Marzu 2020, li kienet ċaħdet l-appell li kien sar mis-sentenza tal-Prim’Awla Qorti Ċivili minn Aiello u fir-rigward ta’ dawk id-dikjarazzjonijiet li Aiello rrilaxxja volontarjament **<u>wara li rrifjuta li</u>**

[12] Qorti Kostituzzjonali deċiża 21 ta’ Jannar 2021
[13] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri 27 ta’ Ottubru 2021
[14] Qorti Kostituzzjonali 26 ta’ April 2022
[15] Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri 4 ta’ Mejju 2022

**<u>jużufruwixxi ruħu mid-drittijiet tiegħu kif kienu viġenti dak iż-żmien</u>** qalet hekk:

> 28. Li hu żgur hu li f'dan il-każ l-appellant ingħata l-opportunita' li jitkellem ma' avukat, bit-telefon jew wiċċ imb'wiċċ, **iżda irrifjuta. B'dak il-mod l-appellant ċaħħad lilu nnifsu mill-opportunita' li jkollu parir ta' avukat sabiex jipprepara ruħu għall-interrogazzjoni u sabiex jingħata tagħrif dwar il-vantaġġi u żvantaġġi li jitkellem jew jagħżel is-silenzju waqt l-interrogazzjoni.**[16] Dan meta kien jaf li waqt l-interrogazzjoni ma kienx ser ikollu l-assitenza ta' avukat preżenti. **Dan apparti li kien infurmat b'mod ċar bil-jedd li jibqa' sieket u ma jweġibx iżda xorta agħżel li jwieġeb liberament. Madankollu xorta agħżel li jwieġeb għad-domandi li sarulu.**[17]

34. Ukoll, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-appell kriminali fl-istess ismijiet, ċjoe **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello,** deċiż fis-27 ta' Jannar 2021**,** irriteniet:

> 13. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma din il-linja difenzjonali u dan għaliex kif diversi drabi affermat mill-qrati fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, hija prassi adottata mill-ġurisprudenza illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi għalkemm l-appellat jistieden lil din il-Qorti tqies l-ilment minnu ventilat mill-ottika tal-proċess ġudizzjarju penali u mhux minn dak ta' natura kostituzzjonali, madanakollu imbagħad ma jinvoka ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrija, iżda jisħaq unikament illi l-istqarrija hija nieqsa mill-valur probatorju tagħha għaliex meta interrogat huwa ma kellux avukat preżenti miegħu sabiex jassistieh u allura qiegħed issejjes din il-lanjanza fuq leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, kwistjoni li issa ġiet determinat finalment mill-Qorti Kostituzzjonali li sabet li ma kien hemm ebda leżjoni f'dan is-sens.
>
> .../...
>
> 16. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u billi d-difiża qed issejjes l-eċċezzjoni tagħha dwar l-inammissibilita' ta' l-istqarrija ta' l-akkużat mhux fuq xi regola penali tal-evidenza li teskludi dik il-prova, peress li l-istess stqarrija kienet konformi mal-liġi penali viġenti dak iż-żmien, iżda fuq l-allegata leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jekk isir użu minn dik l- istqarrija fil-ġuri, u peress ukoll illi mill-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali tali leżjoni ma tirriżultax, f'dan l-istadju tal-proċeduri l-imsemmija prova m'għandhiex tiġi skartata billi mhuwiex nieqes il-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess.'

[16] Enfasi ta' din il-Qorti.
[17] Enfasi ta' din il-Qorti.

35. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti qiegħda tiċħad dan l-aggravju.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant mertu tal-ewwel aggravju tiegħu.**

36. It-tieni imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant hija bbażata fuq il-ksur tar-regolament numru 12 sub-inċiż numru wieħed tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi. Dan ir-regolament jaqra bil-mod segwenti : -

> (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra l-ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx fil-pussess ta' liċenzja valida skont ma tkun tapplika, maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, u dik il-persuna tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja u f'kull liġi oħra.

37. F'dan ir-rigward, dak li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha tqis huwa jekk il-Prosekuzzjoni pruvatx lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dakinhar tal-21 ta' Novembru 2020:

(a) L-appellant kienx qiegħed fl-inħawi tal-Qrendi fejn misjub mill-Pulizija sabiex jonsob ċjoe 'jieħu jew jipprova jieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur' u

(b) li dan kien qiegħed jagħmlu fin-nuqqas ta' liċenzja speċjali valida maħruġa mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi.

38. L-appellant jisħaq li huwa kien fil-mansab biex jikkaċċja. Iżda x-xhieda ta' tlett aġenti tal-Pulizija magħmula permezz tal-affidavits rispettivi tagħhom, tagħti stampa ċara li l-appellant kien qiegħed jonsob u mhux għal-kaċċa. Il-Pulizija jaqblu li dakinhar tal-ispezzjoni, fis-sit fejn intlemaħ l-appellant, kien hemm appart u oġġetti li jintużaw għall-insib. L-appellant isostni li l-Pulizija qatt ma semmew li kien hemm ukoll senter. Hekk hu, għax il-Pulizija qatt ma xehdu li raw lill-appellant fil-pussess ta' senter tal-kaċċa fuq dak il-mansab dakinhar tal-ispezzjoni. Mill-banda l-oħra lanqas ma tresqet

xi prova da parti tal-appellant, almenu sal-grad tal-probabbli li turi li huwa kien qiegħed fuq is-sit biss għall-kaċċa.

39. PC 16 E. Zammit jixhed kif waqt ir-"ronod" sab mansab u "fil-prezenza tieghu" kien hemm żewġ persuni maskili. Wieħed minnhom identifikat bħala l-appellant CACHIA. Igħid li dan il-mansab kien jinsab minn fejn kien ġej il-ħoss tal-'bird caller'. Jixhed ukoll kif meta ġie elevat l-apparat elettroniku ossija 'speakers' u 'bird callers', kien CACHIA li ffirma għalihom u ħadd iktar. PC 16 jgħid li sema' lil CACHIA jgħid li ma kellux liċenza speċjali għad-deroga tal-insib 2020 kif ukoll li **kien qiegħed jonsob fuq dak il-mansab li kien reġistrat f'isem missieru**.

40. PC 572 jgħid li seta' jinnota kif ġewwa għalqa kien ġej il-ħoss tal-'bird caller' għall-pluvieri li kien mixgħul. Innota li kien hemm żewġ imnasab, armati bix-xbiek. Dan ix-xbiek kellu l-ġbid tiegħu jagħti għal ġo dura fil-viċin. F'din id-dura kien hemm raġel li kif intebaħ bihom tefa l-ħoss tal-bird caller. Dan ir-raġel ġie identifikat bħala l-appellant, li ġie mogħti d-drittijiet tiegħu għal assistenza legali u s-"solitu twissija". PC572 jgħid li sema lil CACHIA jgħid li hu kien qiegħed jonsob u li l-bird caller mixgħul kien tiegħu. Hawnhekk PC 572 wissieh li ma setgħax juża bird caller waqt li kien qed jonsob.

41. Imbagħad, PC 670 L. Aquilina, jistqarr kif kien CACHIA stess li wera lill-Pulizija li kellu apparat ieħor konsistenti f''amplifiers' u 'speakers' u diversi elettronika oħra li minnu kien issemma' l-ħsejjes tal-għasafar. Anke hawnhekk dan l-apparat jintuża solitament f'kuntest fejn persuna tkun qegħda tonsob għall-għasafar.

42. Prova soda dwar il-fatt li l-appellant ma kienet qatt inħarġitlu liċenzja speċjali sabiex jonsob, tirriżulta mix-xiehda ta' Nicholas Grech in rappreżentanza tal-WBRU fejn f'paġna 29 tax-xhieda tiegħu huwa jikkonferma kif l-appellant CACHIA qatt ma kellu liċenzja ġenerali u lanqas speċjali sabiex jonsob għal xi tip ta' għasfur u għalhekk kien qiegħed jonsob bi ksur tal-Liġi.

43. Fid-dawl ta' dawn il-provi, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal li ssib lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni. L-ewwel aggravju għalhekk qiegħed jiġi wkoll respint.

**Ikkunsidrat**

**Analiżi tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni b'rabta mat-tielet aggravju tal-appellant.**

44. Fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet huma mibnija fuq l-istess reat. Filwaqt li t-tielet imputazzjoni tikkontempla l-attentat ta' kaċċa jew insib bl-użu ta' 'bird caller', fir-raba' imputazzjoni hija l-pussess tal-'bird caller' waqt l-attivita' ta' kaċċa u insib li huwa projbit. L-appellant jilmenta li semmai għandu jkun hemm ħtija fuq reat wieħed jew l-attentat u l-pussess jew il-pussess waqt it-twettieq tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat.

45. Ir-regolament numru 7(1)(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 jgħid:

> 1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 8 u 9, ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur billi tuża jew ikollha fil-pussess tagħha xi wieħed mill-metodi li ġejjin:
>
> (d) xi gass, jew apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar;

46. Ir-regolament numru 7(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 jgħid:

> 2) Ebda persuna m'għandha tbiegħ, toffri għall-bejgħ, tesebixxi għall-bejgħ, tuża jew iżżomm kwalunkwe apparat li l-użu tiegħu huwa pprojbit taħt is-subregolament (1):

47. It-tielet imputazzjoni hija msejsa fuq ir-regolament numru 7(1)(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tikkontempla **kemm** l-att tal-kaċċa jew l-insib fih innifsu **kif ukoll** li wieħed jipprova jikkaċċa jew jipprova jonsob **billi juża** jew ikollu fil-pussess tiegħu bird caller. L-att ġuridiku penalment rilevanti huwa **l-att tal-kaċċa jew insib jew il-prova tagħhom bl-użu jew il-pussess** ta' bird caller. L-ipoteżi tar-reat f'dan il-każ tolqot kemm l-att tal-kaċċa u insib kunsmat, kif ukoll l-att li wieħed jipprova jikkaċċja jew jonsob (meta jkun fil-pussess jew bl-użu ta' bird caller). L-ipoteżi fattwali iridu jinqraw b'mod kompatibbli ma xulxin u ma humiex mutwalment esklussivi.

48. Mill-banda l-oħra għar-raba imputazzjoni, l-att ġuridiku penalment rilevanti huwa **l-użu jew iż-żamma tal-bird caller fihom**

**infushom** meta dawn ikunu użati jew miżmuma f'kuntest li huwa projbit mill-Liġi.

49. Dan għalhekk ikun ifisser li l-istess fatt ġuridiku, kaċċa jew insib bl-użu ta' bird caller jista' jagħti lok għall-ksur ta' iżjed minn disposizzjoni waħda tal-Liġi u li tkun imbagħad penalizzata skont ir-regoli tal-assorbiment.[18]

50. Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi t-tielet aggravju qiegħed jiġi miċħud.

## Ikkunsidrat

## Ir-raba' aggravju dwar il-piena inflitta

51. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill- Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court

[18] Ara fost oħrajn **Il-Pulizija vs. Omissis** deċiża mill-ex Imħallef Emeritu Vincent De Gaetano fil-5 ta' Ġunju 2003.

> might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."
>
> Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

50. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal- piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati.

51. U mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir-**

**Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

52. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il- ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

53. Il-Liġi tgħid hekk:

> (3) Kull persuna li twettaq reat kontra xi regolament ieħor mhuximsemmi fis-subregolament (2) u l-proviso tiegħu rispettivamenttista' teħel:
> (a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti;
> (b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar drabi, multa ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) iżda mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000), jew priġunerija għalżmien ta' mhux iżjed minn sentejn, jew għal dik il-multau priġunerija flimkien kif ukoll il-konfiska tal-corpus delicti:
> Iżda l-Qorti tista, fid-diskrezzjoni tagħha, tagħti ordni ta' servizz fil-komunità lill-ħati skont l-Att dwar il-Probation
> Iżda wkoll l-Qorti għandha wkoll tordna s-sospensjoni tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt dawn ir-regolamenti u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, għal perijodu ta' mhux anqas minn sentejn iżda mhux aktar minn ħames snin:

54. Kif jidher, il-piena imposta ta' multa ta' elf u tminn mitt euro (€1800) u s-sospensjoni ta' liċenzja għall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza hija piena li mhux biss hija fil-parametri ta' dak li jippreskrivi r-Regolament numru 27(3)(b) tal-Avviż Legali 79 tal-

2006, Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 u tat-tieni proviso li jsegwieh, iżda hija wkoll piena li iktar tqarreb lejn il-minimu aktar milli lejn il-massimu meta tqis il-parametri hemmhekk preskritti.

55. Apparti minn hekk, kif jirriżulta mill-fedina penali tal-appellant, din ma kienetx l-ewwel darba li huwa kiser ir-regolamenti tal-kaċċa u l-insib.

56. Għaldaqstant din il-Qorti, ma tqisx li tista' tvarja l-piena li erogat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan ir-rigward.

# Deċide

**Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**